# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta’ nhar it-Tlieta 23 ta’ Frar, 2016

**Talba Nru: 523/2015 DMA**

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**David Scicluna Woodhouse**
**(ID. 670961M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta’ Lulju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jghati lis-Socjeta’ Attrici s-somma ta’ erba’ mija u tmienja u sebghin ewro u sitta u tlettin centezmu (€478.36) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40165460 moghtija mis-socjeta’ attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY 2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – estratt  mir-Registru Elettorali.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas, izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ipprezentat risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret Charmaine Wiffen ghas-socjeta' attrici li fit-23 ta' Frar, 2016 ikkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta' erba' mija u tmienja u sebghin ewro u sitta u tlettin centezmu (€478.36) ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' erba' mija u tmienja u sebghin ewro u sitta u tlettin centezmu (€478.36) bl-imghax legali sa mid-data tal-prezentat, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza u d-drittijiet ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**